**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 18 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 44/2022 AGV:**

**FC**

**Vs.**

**CA**

Il-Qorti rat ir-rikors Guramentat tar-rikorrenti FC datat 24 ta' Jannar 2022 , fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma s-segwenti:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-hamsa ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (05/05/2001) u dana skont ic-certifikat taz-zwieg bin-numru erba, sitta, disa tas-sena elfejn u wiehed (469/2001) anness u mmarkat bhala 'Dok A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla wahda, N, imwielda fl-ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (20/07/2002) li llum hija maggjorenni.

3. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt ta' firda personali datat l-erba' ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (04/09/2020) anness u mmarkat bhala 'Dok B'.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dana stante l-fatt illi huma qeghdin jghixu separatament minn dakinhar tas-separazzjoni bonarja.

5. Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom.

6. Illi kif hemm indikat fl-istess separazzjoni bonarja, ir-rikorrenti ghazlet illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe C.

7. Illi ghalhekk il-partijiet issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi sabiex jigi pronunzjat id-divorzju ta' bejniethom u dana ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi ma dan ir-rikors guramentata r-rikorrenti qeghda ukoll tannetti l-affidavit taghha nnifisha bhala 'Dok C'.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tordna l-hall taz-zwieg ta' bejniethom minnhom kuntrattat fil-hamsa ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (05/05/2001).

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Gimgha 18 ta' Frar 2022 deher l-intimat li ddikjara li mhux qed joggezzjona ghall-ghoti tad-divorzju, u li m' ghandux ibati l-ispejjez ta' dil-procedura.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**